MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1924/2002/1

**Grobett Holdings Limited**

**vs**

**Steve Abela u Michelle Abela f' isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta S. M. Abela, Hardware Distributors**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Jannar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,499.97c (elf erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti mghax dovut mill-konvenuti skond skrittura privata.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti jghidu illi ghal diversi drabi s-socjeta’ attrici giet mitluba tissottometti rendikont tal-pretenzjonijiet taghha izda baqghet inadempjenti. Il-konvenuti jghidu wkoll illi d-ditta S.M. Abela Hardware Distributors m’ghandhiex personalita’ guridika u ghaldaqstant ma tistax tkun parti fil-kawza odjerna kif ukoll illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavit ta’ Anthony Borg, Direttur tas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma illi fit-12 ta’ Lulju, 1999 kien ghamel skrittura privata mal-konvenuti, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici bieghet lis-*stock* tal-prodotti taghha u ghalhekk il-konvenuti kienu ntrabtu sabiex ibieghu l-prodotti tas-socjeta’ attrici u jirsistu biex jaghmlu iktar ordnijiet u x-xoghol jibqa’ ghaddej bl-istess ritmu. Jghid illi f’din l-iskrittura privata l-partijiet kienu ftiehmu li ghax-xoghol li hadu minghand is-socjeta’ attrici, l-konvenuti kellhom ihallsu permezz ta’ pagamenti kull xahar flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi bir-rata ta’ 8% (tmienja fil-mija).

Borg jghid illi fis-sena 2000 il-konvenuti bdew jilmentaw dwar l-imghaxijiet. Il-konvenuti baqghu jhallsu l-pagamenti ta’ kull xahar izda minghajr ma jhallsu l-imghaxijiet.

Jghid ukoll illi f’2002 kien baghat ittra u rendikont lill-konvenuti sabiex ihallsu l-bilanc dovut lejn is-socjeta’ attrici u l-imghaxijiet.

Ra l-Affidavit ta’ Dr Frank Cassar ghas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma l-iskrittura privata bejn il-partijiet.

Ra x-xhieda ta’ Dr Frank Cassar fejn jikkonferma li l-imghax ta’ 8% (tmienja fil-mija) jiddekorri fuq il-bilanc tad-dsatax-il elf.

Ra l-Affidavit ta’ Steve Abela fejn jikkonferma l-iskrittura privata. Jghid illi S.M. Abela hallset il-kapital kollu dovut flimkien ma’ l-imghax relattiv sa Mejju tas-sena 2000 u

cjoe’ sena u xahrejn qabel l-iskadenza kif miftiehem fl-iskrittura privata.  Abela jghid illi b’kollox hallas Lm19,791.14c (dsatax-il elf seba’ mija u wiehed u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu).

Ra x-xhieda ta’ Anthony Borg fejn hu qed jitlob l-imghax fuq *container* li kien gab fl-istess sena.  Jghid illi l-kuntratt in kwistjoni ma jitkellimx fuq konsenja wahda biss izda anki rigward konsenji fil-futur.

Ra r-Rikors ta’ Steve Abela fejn jghid illi s-socjeta’ attrici kienet iddikjarat li ghalqet il-provi kollha fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2003 u ghalhekk ma setghetx tipprezenta dokumenti kwazi sena wara.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Borg datata 18 t’Ottubru, 2004 fejn jikkonferma li l-ircevuta originali mmarkata RF hija differenti mill-fotokopja.  Jispjega illi l-konvenut ma kienx ihallas l-imghax mill-ewwel tax-xahar sal-ahhar tax-xahar u ghalhekk biex jifhem izjed zied il-kelma ‘July’.  Jaqbel li hemm diversi rcevuti originali differenti minn dawk fotokopji.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ Steve Abela fejn jispjega t-tlett eccezzjonijiet fir-Risposta li pprezentaw il-konvenuti.  Jghid ukoll illi skond Anthony Borg din il-kawza hija bbazata nterament fuq l-iskrittura privata.

Abela jghid illi l-ewwel parti tal-ftehim (cjoe’ klawsoli 1, 2 u 3) hija ftehim ta’ bejgh li permezz tieghu s-socjeta’ attrici bieghet lill-esponenti l-merkanzija elenkata fid-dokument immarkat Dok. A versu l-prezz ta’ Lm19,093.17c (dsatax-il elf u tlieta u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) liema prezz kien jinkludi l-VAT.

Jghid ukoll illi fl-istess parti gie stabbilit il-modalita’ tal-pagament tal-prezz tal-bejgh u f’klawsola 2 gie stabbilit illi Lm1,000 (elf lira Maltin) ghandha tithallas mad-data tal-ftehim u l-bilanc jithallas fi zmien sentejn.

F’klawsola 3 gie miftiehem illi fuq il-bilanc tal-prezz tal-kompravendita kontemplata jiddekorri mghax bit-8% (tmienja fil-mija).

Jghid illi mix-xhieda ta’ Anthony Borg irrizulta li l-invoice number 2739 ta’ Lm19,093.17c (dsatax-il elf u tlieta u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) kienet in konnessjoni mal-bejgh li hemm referenza ghalih fil-kuntratt tat-12 ta’ Lulju, 1999. Dan huwa l-unika bejgh ikkontemplat fil-ftehim bejn il-partijiet.

Jghid ukoll illi klawsoli 4 sa 8 jiddentifikaw id-drittijiet u l-obbligi reciproki tal-partijiet ghall-perjodu tas-sena mid-data tal-ftehim matul liema perjodu l-esponenti kellhom ikunu l-*exclusive distributors* ta’ certi prodotti mportati mis-socjeta’ attrici. Jispjega illi f’dawn il-klawsoli m’huwa kkontemplat ebda bejgh jew modalita’ ta’ pagament ghax-xiri ta’ merkanzija sussegwenti.

Ikkunsidra

Li l-konvenuti ssostnu li billi huma hallsu l-invoice u l-imghax in konnessjoni mal-ftehim tat-12 ta’ Lulju, 1999 it-talba attrici, bbazata fuq dan il-ftehim ghandha tigi michuda.

Illi m’hemmx dubju li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kawza skond it-talba u fid-dawl tar-Risposta. Illi fit-talba s-socjeta’ attrici titlob Lm1,499.97c (elf erba’ mija u disgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti mghax dovut mill-konvenuti skond skrittura privata. Illi fir-Risposta l-konvenuti qalu li t-talbiet huma nfondati kif se jigi ppruvat.

L-argument principali tal-konvenuti huwa li l-imghax dovut skond il-kuntratt datat 12 ta’ Lulju, 1999 gie debitament imhallas.

Fil-fatt is-socjeta’ attrici qieghda titlob imghax in konnessjoni ma’ bejgh ta’ merkanzija li sar f’Novembru, 1999. Illi fil-ftehim datat 12 ta’ Lulju, 1999 il-konvenuti obbligaw ruhhom sabiex jixtru prodotti minghand is-

socjeta' attrici (para 4) u dan ghall-perjodu ta' sena mit-12 ta' Lulju, 1999.

Illi mhux ikkontestat li l-konvenuti xtraw il-merkanzija. Huma jippretendu li billi fl-Avviz is-socjeta' attrici bbazat it-talba fuq il-ftehim tat-12 ta' Lulju, 1999 u skond dak il-ftehim il-bejgh imsemmi f'paragrafi 1 sa 3 gie debitament imhallas ghandha tigi michuda t-talba attrici.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti. Illi huwa veru li l-Avviz setgha gie redatt b'mod iktar ezatt izda dan ma jfissirx li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba attrici. Illi l-konvenuti obbligaw ruhhom li jixtru izjed skond il-ftehim u fil-fatt xtraw. Illi ghalhekk l-ammont dovut huwa dovut (f'certu sens) skond il-ftehim anki jekk m'hemmx qbil specifiku fuq imghax.

Illi l-konvenuti sostnew li S.M. Abela Hardware Distributors m'ghandhiex personalita' guridika.

Illi fil-kuntratt huma ffirmaw f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta S.M. Abela.

Illi bhala fatt Steve Abela u Michelle Abela huma responsabbli personalment ghall-ammont dovut.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jikkundanna lil Steve Abela u lil Michelle Abela sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,499.97c (elf erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) bl-ispejjez."

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu r-revoka taghha fuq l-assunt li t-Tribunal mar oltre minn dak minnu mitlub u ddecieda l-vertenza fuq kawzali mhux formanti parti mill-avviz promotur. Huma jissottomettu illi meta t-Tribunal ikkundannahom ihallsu mghax fuq transazzjoni li la hija msemmija fil-kawzali ta' l-avviz u lanqas fil-ftehim tat-12 ta' Lulju 1999 dan mar oltre dak minnu mitlub u ghaldaqstant is-sentenza hija wahda "*extra petita*";

Din il-Qorti tibda biex tirregistra dawn l-osservazzjonijiet ta’ indoli generali:-

(1) Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta’ sentenza l-imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Kollez. Vol. XLIX P I p 406**). Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 85**). Is-sentenza ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 777**);

(2) Fermi dawn il-principji, huwa principju iehor ben notorju u saldat illi l-legislazzjoni u l-gurisprudenza taghna ilhom progressivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv, fonti ta’ litigi zejda u prokrastinazzjoni inutili, specjalment fejn ma tkunx tirrizulta l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi. Ara “**John Mallia -vs- Maria Assunta Borg *et***”, Appell Civili, 15 ta’ April 1977. Dan jitnissel ukoll minn bosta gudikati antiki. Ara **Kollez. Vol. VIII p 424; Vol. X p 1; Vol. XVII P II p 26** u **Vol. XXVI P I p 424**, fost bosta ohrajn;

(3) Linejarment ma’ dan il-hsieb jinsab deciz illi l-Qorti ma kellhiex tmur ghall-eccess tal-formalizmu ezagerat bazata fuq is-sens letterali tal-kelma espressa b’ mod li jigi eskluz l-ispirtu tal-ligi jew kull ezercizzju legittimu ta’ analogija anki *per equipollens* - ezercizzju dan illi hu rikonoxxut mill-gurisprudenza (ara **Kollez. Vol. XXXV P I p 5**), u li hu kultant mehtieg biex jaghti sinifikat korrett lill-azzjoni kif proposta, jiffavorixxi l-ekonomija tal-gudizzju u jassigura gustizzja bejn il-partijiet. Ara sentenza fl-ismijiet “**Paul Gauci *et* -vs- Joseph Mugliette**”, Appell, 9 ta’ Frar 2001, fejn ukoll incidentalment, gie ezaminat aggravju konsimili dwar decizjoni *extra petita*;

Ghandu jigi notat illi dak s’ issa konsiderat huwa cirkoskritt ghall-procedimenti quddiem il-qrati ordinarji li, allura, huma regolati bid-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz in ispecje si tratta minn tribunal specjali, appozitament statwit b’ disposizzjonijiet partikolari u bi kriterji differenti minn dawk previsti mil-ligi fil-kaz tal-Qrati ordinarji. Kif deciz, “certament mhux biss hemm l-element ta’ ekwita` fl-Att V ta’ l-1995, imma hemm manifest il-hsieb tal-legislatur li f’ kazijiet b’ talbiet zghar quddiem tribunal specjali, mahluq *ad hoc*, dan l-istess Tribunal jimxi bi speditezza, bl-anqas formalizmu possibbli, minghajr naturalment ma jikser id-disposizzjonijiet tal-ligi li holqitu” - “**Joseph Galea -vs- Sandra Vassallo**”, Appell, 26 ta’ Jannar 2001. Dan il-bran jinterpreta sewwa d-dispost tas-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 li a propozitu jipprovdi li “ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba n-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b’ mod konformi kemm jista’ jkun ma’ dan l-Att jew mar-regoli maghmulin tahtu”;

Premess is-suespost, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi fil-kaz prezenti t-Tribunal ma estendiex l-investigazzjoni tieghu oltre l-kawzali proposta quddiemu. La ghazel li jinjora ghal kollox il-kawzali u lanqas li jitbieghed minnha. Il-motiv dedott fl-avviz ma jgibx li d-domanda mhix intelligibbli jew ma tirrientrax fil-parametri tal-ftehim appattwit bejn il-kontendenti. Dan il-ftehim jillustra zewg sitwazzjonijiet: il-bejgh tal-merce li l-kumpanija attrici kellha *in stock* fiz-zmien tal-ftehim (12 ta’ Lulju 1999), u l-obbligu assunt mill-konvenuti appellanti li jixtru minghand l-istess kumpanija l-prodotti hemm specifikati. Il-provi juru, bla ebda ombra ta’ dubju, illi effettivament l-appellanti xtraw aktar tard *container* ta’ dawk il-prodotti li wasal f’ Novembru 1999 (ara dokumenti minn fol. 78 sa fol. 136). L-interessi mitluba jirreferu proprju ghas-somma kapitali relattiva ghall-prodotti ta’ dan il-*container*;

Jitnissel minn dan, fil-hsieb tal-Qorti, illi l-kawzali hi sew espressa fl-avviz u hi sopportata mbaghad minn xhieda u dokumenti. Ankorke seta' jinghad li l-kawzali hi mfissra lakonikament, in bazi ghall-gurisprudenza affermata u fuq citata t-Tribunal seta' dejjem adotta s-sistema liberali tal-validita` ta' l-avviz in bazi ghall-kriterju ta' l-ekwipollenza. *Multo magis*, imbaghad, meta kif ukoll gja espress, it-Tribunal adit ma kienx marbut b' parametri strettament legalistici;

Indipendentement minn dan, din il-Qorti lanqas ma tara li t-Tribunal htieglu jirrikorri ghal dak l-espedjent u ma tara assolutament xejn li jista` jitqies *extra petita* fid-decizjoni moghtija. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Peter Mifsud -vs- Joseph Camilleri**", Appell, 26 ta' Ottubru 2001 li wkoll ikkonsidrat sitwazzjoni konsimili. In kwantu n-negozju bejn il-kontraenti kien wiehed manifestament kummercjali, ankorke kellu jinghad li klawsola 3 ta' l-iskrittura kienet tirreferi ghall-interessi fuq il-konsenja tal-prodotti *in stock*, u mhux ukoll ghall-konsenja tal-prodotti fil-*container*, kif ben saput bhala tali dan kien jattira *ex lege* l-hlas ta' l-imghax appena sar esigibbli fil-mument tal-kompravendita u konsenja tal-prodotti [Artikolu 1141 (1), Kodici Civili].

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------